**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 15 ta' Settembru, 2018**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Lara Butters)**

**vs**

**Mohammed Satuf**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Mohammed Satuf ta' 23 sena, Nazzjonalita Sirjana, iben Ahmed u Nahla nee Najar, imwieled Saraqib Idlib fl-1 ta' Gunju, 1995 u minghajr indirizz fiss u detentur tal-Karta tal-Identita' Sirjana Numru 58042002070 u akkuzat talli fl-14 ta' Settembru, 2018 u jew fil-jiem ta' qabel din id-data;

1. Iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil fid-dokument tal-Identita, jew uza jew kellu fil-pussess tieghu xi Passaport, li hu kien jaf li gew iffalsifikati, imbiddla jew sar xi tibdil fihom f' isem Constantin Pascaru bin-numru tal-

Karta tal-Identita' Rumena 302929 rispettivament (Kap 61, Sec 5 tal-Ligijiet ta' Malta).

2. Ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentament ghamel uzu minn xi dokumenti ohra iffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija (Kap 9, Sec 189 tal-Ligijiet ta' Malta).
3. Minghajr awtorita' legittima uza jew kellu fil-pusses tieghu xi dokument, mehtieg ghal-finijiet ta' dan l-Att li jkun falsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32 (1) (f) tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar il-15 ta' Settembru, 2018 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, il-fatt li ghandu fedina penali nadifa u c-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 17 u 18a tal-Kodici Kriminali u tal-Artikolu 32(1)(f) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah tnax (12) -il xahar prigunerija li b' applikazzjoni tal-Art. 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perjodu ta' sentejn (2) millum.

**MAGISTRAT**

**Graziella Abela**

**Deputat Registratur**